

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-23 ta' Novembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Commissione tributaria provinciale di Siracusa – l-Italja) – Enzo Di Maura vs Agenzia delle Entrate – Direzione Provinciale di Siracusa

(Kawża C-246/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Valur taxxabli — Sitt Direttiva 77/388/KEE — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(C)(1) — Limitazzjoni tad-dritt għat-tnaqqis tal-valur taxxabli fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas mill-parti kontraenti — Marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri fit-traspożizzjoni — Natura proporzjonata tal-perijodu ta' prefinanzjament mill-imprenditur)

(2018/C 022/10)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione tributaria provinciale di Siracusa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Enzo Di Maura

Konvenuta: Agenzia delle Entrate – Direzione Provinciale di Siracusa

Dispożittiv

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(C)(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru ma jistax jissuġġetta t-tnaqqis tal-valur taxxabli tal-VAT għan-nuqqas ta' suċċess ta' proċedura ta' insolvenza meta tali proċedura tista' ddum iktar minn għaxar snin

⁽¹⁾ ĠU C 260, 18.7.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-16 ta' Novembru 2017 – Ludwig-Bölkow-Systemtechnik GmbH vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-250/16 P) ⁽¹⁾

(Appell — Klawżola ta' arbitraġġ — Sitt programm kwadru għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2002-2006) — Rimbors ta' parti mis-somom imħallsa lill-appellanti — Kumpensi fil-forma ta' somma f'daqqa)

(2018/C 022/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Ludwig-Bölkow-Systemtechnik GmbH (rappreżentant: M. Núñez Müller, Rechtsanwalt)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u F. Moro, aġenti)

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.